MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Numru 1455/2007

Il-Pulizija
(Spettur Louise Calleja)

vs

Keith Bartolo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 72480M, akkuzat talli fil-Hamrun u bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, nhar il-11 ta’ Novembru 2007, 17 ta’ Novembru 2007, 18 ta’ Novembru 2007, 24 ta’ Novembru 2007, 25 ta’ Novembru 2007, f’hinijiet diversi, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi Awtorita’ Pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Il-fatti jirrisultaw filli f'proceduri kriminali li kienu saru kontra haddiehor, certu Noel Buttigieg, li fihom ma kellux x'jaqsam l-akkuzat, l-imsemmi Noel Buttigieg kien inghata l-helsien mill-arrest kondizjonatament li kellhu jiffirma l-Ghassa tal-Hamrun. L-akkuzat odjern qieghed jigi mixli taht l-Artikolu 188 tal-Kap 9 talli iffirma f'hames okkazzjonijiet fuq il-'bail book' minflokk u ghal l-imsemmi Buttigieg. Issa dan jirrizulta wisq car kemm mill-evidenza u kemm mill-istqarrija rilaxxjata mill-akkuzat. Il-fini ghaliex l-akkuzat ghamel x'ghamel mhux rilevanti u s-scienter tieghu hija bil-wisq cara mill-att innifsu, cioè, li mar jiffirma ghall-haddiehor fuq dokument mahsub ghal xi Awtorita' Pubblika.

Inghad dan, ssib lill-akkuzat hati tal-akkuza riportata kontra tieghu. Rat l-Artikolu 188 tal-Kap 9. Tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum sakemm ma jaghmilx reat iehor tul dan il-perjodu.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sentenza ai termini tal-Artikolu 28(4) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------